Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta. Nru. 14,209, 25 ta' Novembru, 1983

Taqsima B

A.L. 54 ta' l-1983

ORDINANZA DWAR IL-PROFESSJONI MEDIKA U L-PROFESSJONIJIET LI GĦANDHOM X'JAQSMU MAGĦĦA (KAP. 51)

Regolamenti ta' l-1983 dwar Formuli biex jintbagħtu Pazjenti fi Sptarijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (g) ta' l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu Magħha, il-Ministru tas-Saħħa għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1983 dwar Formuli biex jintbagħtu Pazjenti fi Sptarijiet, u għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Frar, 1984.

Formuli biex jintbagħtu pazjenti fi sptar.

Att Nru. XVIII ta' l-1976

2. (1) Il-formula li għandha tintuża minn tabib meta jibgħat pazjent fi sptar tal-Gvern bħala *in-patient* jew bħala *out-patient*, barra minn fil-każ ta' dħul obbligatorju taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1976 dwar is-Saħħa Mentali, għandha tkun dik kif murija fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Ikun id-dmir tat-tabib imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament li jiżgura li t-Taqsima A ta' l-imsemmija formula timtela b'mod li jinqara u bid-dettalji kollha meħtieġa.

(3) Ikun id-dmir tat-tabib fl-isptar li fih pazjent ikun hekk intbagħat, u li jkun eżamina lill-pazjent jew awtorizza d-dħul tiegħu fl-imsemmi sptar li jiżgura li t-Taqsima B ta' l-imsemmija formula timtela b'mod li jinqara u bid-dettalji kollha meħtieġa.

B 378

SKEDA

Regolament 2

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

BILJETT BIEX PAZJENT JINTBAGĦAT FI SPTAR

Taqsima A

Biex timtela minn Tabib li jibgħat pazjent fi sptar.

Dħul fl-Isptar .....

In-Numru ta' l-Isptar .....
(jekk ikollu)

Numru tal-Karta ta' l-Identità .....
(jekk il-pazjent ikollu Karta ta' l-Identità)

Isem il-pazjent ..... Età .....

Indirizz tal-pazjent .....

..... Nru. tat-Telefon .....
(jekk ikollu)

Isem u indirizz tal-qarib l-aktar viċin ..... Nru. tat-Telefon .....
(jekk ikollu)

.....

.....

Intbagħat għal ..... fid-Dipartiment ta' .....

Storja Klinika Rilevanti

Kura / Osservazzjonijiet

Data .....

Firma .....
Isem u Indirizz (Stampat jew b'Ittri Kbar)

.....

.....

Taqsima B

GĦALL-UŻU UFFIĊJALI BISS

Biex timtela mill-uffiċjal mediku li jeżamina jew idaħħal il-pazjent.

Xogħol tal- (1) pazjent .....

(2) kap tal-familja .....

Numru tas-Sigurtà Nazzjonali ..... Nru. tal-Karta tal-Identità

.....
(jekk il-pazjent ikollu Karta ta' l-Identità jew in-numru tar-Reġistru Pubbliku jekk ikollu)

Data tat-Twelid tal-Pazjent .....

Isem u Kunjom tal-ġenituri (jekk mejta, iktəb "mejjet" jew "mejta" ma' l-isem)

.....

.....

Pazjent daħal fis-sala ..... fi .....

fi ..... a.m./p.m. (timtela biss f'każ li l-pazjent jiddaħħal l-isptar)

.....

Firma ta' l-uffiċjal mediku li jdaħħal il-pazjent

.....

Isem b'Ittri Kbar

.....

Data